MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 191/2003/1

**Dr. Alfred Sant**

**vs**

**Raymond Bugeja**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta’ Dicembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-2 t’April 2003 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta’ l-Artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta bhala Editur tal-gurnal “The Times” fil-harga ta’ l-istess gurnal ta’ nhar it-Tlieta 1 t’April

2003, f'pagna ghaxra, ippubblika ittra ntestata "Uphold democracy" (Dokument A hawn anness) kontenenti allegazzjonijiet serji, foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur bil-ghan li jtelliflu jew inaqqaslu r-reputazzjoni tieghu, meta gie allegat, fost ohrajn, li l-attur dahal fil-post ta' l-ghadd tal-voti tar-referendum *"accompanied by 20 to 30 persons",* u li dawn ma ghaddewx mis-*security checks* minhabba li d-dhul taghhom ma' l-attur kien *"abrupt and simultaneous"* u b'mod li dawn kienu theddida ghal min kien qed jaghmel xogholu fis-sala ta' l-ghadd. Dawn l-allegazzjonijiet serji mhumiex veri u saru intenzjonalment u bi skop u fl-isfond ta' allegazzjonijiet ohra nfondati u gideb sfaccat li l-attur dahhal nies kriminali fis-sala tal-ghadd jew li uza l-forza, meta l-verita hija li kien hu li gie rrambat minn xi gurnalisti. Dawn l-allegazzjonijiet saru biex jaghmlu  hsara lill-attur waqt il-kampanja elettorali u biex isostnu l-gideb li kien qed isir dwaru.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghaliex l-istampat ippubblikat mertu ta' din il-kawza huwa perfettament permessibbli fl-ordinament guridiku nostrili stante li jikkonsisti f'kumment gust ibbazat fuq fatti veri.
2. Salvi eccezzjonijiet  ulterjuri permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas tad-danni wara li deherlu li gie ngurjat u malafamat minn ittra li giet ippubblikata fil-gazzetta ‘The Times’ fl-1 t’April 2003, miktuba minn Antoine Grima u ntitolata “Uphold democracy”. L-attur qieghed jilmenta minn zewg paragrafi li jallegaw li wara l-votazzjoni ghar-*referendum* ghad-dhul ta’ Malta fl-Unjoni Ewropeja l-attur wasal fil-*counting hall* ta’ Ta’ Qali akkumpanjat minn 20 jew 30 persuna u staqsa d-domandi jekk dawna ghaddewx mis-*security checks*. Oggezzjona wkoll ghall-paragrafu fejn inghad illi wiehed ma kienx ihossu sikur waqt li ser ikun qieghed jaghmel xogholu f’Ta’ Qali fit-13 t’April fil-*counting hall* u cioe’ dakinhar tal-votazzjoni ghall-elezzjoni generali.

L-attur qal li fl-ebda hin ma kien akkumpanjat minn xi ghoxrin jew tletin ruh u ma kienx minnu li kiser is-*security checks* u hassu malafamat minn din l-assertazzjoni, “*aktar u aktar ghax matul is-snin li ilni leader tal-Partit Laburista l-ewwel affarijiet li nsistejt fuqhom kienet li ma jkollix la bodyguards u lanqas nies jakkumpanjawni fejn inkun”* (fol 15).

L-attur spjega li akkumpanjat minn Dr George Vella u Dr Joseph Brincat waslu fil-*counting hall* bil-karozza tieghu. Ghaddew b’mod normali u regolari mis-*security checks* f’Ta Qali. Ma kienu akkumpanjati minn hadd aktar, lanqas minn nies f’karozzi ohrajn. Meta dahlu gewwa gew imdawwra minn gurnalisti u minn nies li kienu gia’ hemm u t-tlett ufficjali tal-Partit gew separati. Kien hemm pressjoni u rassa qawwija ta’ nies illi riedu jiehdu l-kummenti ta’ l-attur peress li kien hemm diga’ ndikazzjonijiet tar-rizultat tar-*referendum*. Din ix-xhieda hija korroborata mix-xhieda ta’ Dr Joseph Brincat a fol 20 u Dr George Vella a fol 28. Michael Carabott fol 49 Deputy Editor tal-Malta Independent ukoll jikkonferma li Dr Alfred Sant, Dr Joe Brincat u Dr George Vella waslu wahidhom il-*counting hall*, u darba kienu gewwa gew

cirkundati b'kwantita' ta' nies, fosthom gurnalisti u nies ta' l-istess partit laburista. Kien hemm ukoll pulizija. Ghal xi hin kien hemm konfuzzjoni waqt din ir-rassa ta' nies li kienet qed tipprova tersaq lejn Dr Sant sabiex tiehu l-kummenti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt l-attur wasal il-*counting hall* akkumpanjat biss Dr Joseph Brincat u t-Tabib Dr George Vella. Dahlu b'mod regolari, ghaddew mis-*security checks* u dahlu fir-recint tal-*counting hall*. Kien f'dan l-istadju li gew cirkundati minn gurnalisti gia akkreditati ghall-post sabiex jiehdu l-kummenti ta' l-attur ghar-rizultat tar-*referendum* li kien qed jidher li hareg. F'dan il-hin kien hemm rassa kbira ta' nies li daru ma' l-attur u mhux eskluz li xi partitarji tieghu daru mieghu sabiex jipproteguh u jhalluh jimxi lejn id-direzzjoni tal-*counting hall*. Kien hemm ukoll il-prezenza tal-pulizija illi ghenet li zzomm xi distanza l'boghod mir-rassa lil Dr Sant. Ir-ritratti esebiti f'dawn l-atti jidhru din ir-rassa madwar l-attur, izda fl-ebda hin ma jidher xi att ta' vjolenza jew aggressjoni fuq xi membru tal-pubbliku jew partitarju li kien prezenti fil-*counting hall*. Darba l-attur ghamel ir-ronda tieghu fil-*counting hall*, hareg l'barra u s-sitwazzjoni regghet ikkalmat.

Quindi bhala fatt ma kienx minnu li l-attur wasal fil-*counting hall* akkumpanjat minn xi ghoxrin jew tletin persuna. In-nies kienu diga' fuq il-post u l-wasla tieghu la kienet *"abrupt"* u lanqas *"simultaneous"* (ara ittra fol 2).

Pero' ghal min ma rax lill-attur diehel fir-recint u inzerta dak il-hin fir-rassa, seta' jkun gustifikat jahseb li dawk in-nies dahlu f'daqqa jakkumpanjaw lil Dr Sant u ghalhekk l-artikolist kien gustifikat li jesprimi opinjoni dwar is-sigurta' fil-kumpless, aktar u aktar meta ftit gimghat wara kellha tigi wkoll elezzjoni generali. Veru illi d-difiza

ta' *"fair comment"* kif ecceputa mill-konvenut ma tistax treggi jekk il-fatti ma jkunux veri (ara Dr Louis Buhagiar vs Saviour Balzan et Appell 11 ta' Jannar 2006). Il-Qorti lesta li tirrikonoxxi li l-premessa li beda biha l-artikolist illi l-attur kien akkumpanjat minn ghoxrin jew tletin ruh ma kienetx wahda vera. Pero' ntqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet Dr Eddie Fenech Adami vs Dr Alfred Sant deciza mill-Qorti ta' l-Appell 19 ta' Mejju 2003 illi opinjoni setghet tigi meqjusa bhala *"fair comment"* anke jekk ma tkunx korretta jew pregudikata. Fl-ittra inkwistjoni ma kienx hemm pregudizzji imma setghet ma kienetx korretta sforz l-interpretazzjoni li l-artikolist ta f'sitwazzjoni illi deherlu dak il-hin. L-artikolist ra quddiemu lil Dr Sant imdawwar bi kwantita' ta' nies, xi whud partitarji, xi whud gurnalisti illi ghamlu sforz biex jiehdu xi kummenti ta' l-attur wara r-rizultat tar-*referendum*. Ma hemmx dubbju li f'dak il-mument kien hemm rassa mhux hazin. Forsi kommozzjoni wkoll li allura f'ghajnejn l-artikolist jinterpreta din is-sitwazzjoni bil-mod kif espremiha fl-ittra ppubblikata fil-gurnal 'The Times'. Minn naha l-ohra, l-attur bhala kap ta' partit politiku kien jinkombi fuqu aktar tollerenza ghall-kritika u l-gurisprudenza, inkluza dik tal-Qorti Ewropeja talloka lill-persuni attivi fil-forum politiku tolleranza ferm aktar cirkoskritt minn dak moghtija lill-persuni li mhumiex soxxettibbli daqshekk ghal skrutinju pubbliku (ara f'dan il-kaz Lingens vs Austria -1986 u Oberschlick vs Austria 1991).

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi l-artikolist kien gustifikat li jesprimi l-opinjoni li esprima fl-ittra in kwistjoni, liema opinjoni kienet bazata fuq fatti illi verament graw (rassa u kommozzjoni) u li facilment setghu nghataw l-interpretazzjoni illi ta l-artikolist.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur. Bl-ispejjez kontra tieghu.**"**

L-ilment principali ta' l-attur fl-appell tieghu kontra din is-sentenza huwa bazat fuq is-sottomissjoni illi l-ewwel Qorti zbaljat fir-ragonament taghha ghaliex, la darba il-fatti li fuqhom jistrieh l-kumment ma kienux veri, dik il-Qorti ma setghet qatt tasal ghal konkluzjoni li l-kumment kien gust;

Hi gurisprudenza assodata anke fostna, u dan minn zmien antik, illi ghall-ezoneru mir-responsabilita` f'materja ta' ingurja bl-istampa jridu jikkonkorru tliet kondizzjonijiet, u cjoe: (1) "*che i fatti rilevanti o i commenti su tali fatti siano di interesse pubblico,* (2) *che non sia alterata la verita` di quei fatti o che l'opinione emessa sugli stessi non abbia ecceduto i limiti di una critica sana ed onesta e (3) che non risulti 'aliunde' che i fatti si fossero divulgati o la critica si fosse fatta col fine malvagio di arrecare danno o detrimento alla stima di colui al quale si riferiscono, pigliando maliziosamente occasione del pubblico interesse*". Ara "**Sir Gerald Strickland -vs- Farmacista Leone Portelli**", Appell Kriminali, 11 ta' Frar, 1922 u "**La Polizia -vs- Joseph James Scorey**", Appell Kriminali, 31 ta' Ottubru, 1925. Ghall-iskop ta' l-appell prezenti dak li jikkoncerna mill-qrib l-aggravju interpost ghandu rabta mat-tieni kundizzjoni fis-silta esposta;

Minn dak li johrog mix-xhieda ta' l-attur traskritta a fol. 14 tal-process jidher li dak li hu kien qed iqis oggezzjonabbli fl-ittra ppubblikata fil-harga tal-gurnal "The Times" ta' l-1 ta' April, 2003 kienet dik il-parti taghha fejn jinghad illi meta l-attur wasal fil-Counting Centre tal-ghadd tal-voti tar-*referendum* "*he was accompanied by 20 to 30 persons*" kombacjat mal-mistoqsija "*Did they pass through the security checks?*" L-attur jizmentixxi dan il-fatt asserit u l-ewwel Qorti tatu ragun;

L-attur jissokta fl-istess xhieda tieghu jispjega illi din l-asserzjoni u dawk l-ohra li jsegwuha taw wiehed x'jifhem illi hu tela' fuq il-post tal-ghadd tal-voti "bil-*bullies*", u li fil-

process inkissru s-“*security checks*” u n-nies gew intimidati, meta dan ma kienx hekk il-kaz. Din l-ispjegazzjoni hi mill-appellanti ripetuta fil-qafas ta’ l-appell tieghu tant li skond il-fehma interpretattiva tieghu l-ittra minnu denunzjata kienet parti minn strategija ta’ “*character assassination*” fejn hu tpinga bhala xi hadd li jasal ghat-theddid u l-uzu tal-forza bil-*bullies* imdahhla minnu f’post sensittiv bla ebda kont ta’ “*security checks*”. Ma’ dan, l-ewwel Qorti ma qabletx u ghalkemm, kif diga` rilevat, irrikonoxxiet li l-premessa ta’ fatt ghall-kumment kienet zbaljata jew impreciza, la l-att l-iehor ta’ l-ezistenza ta’ rassa u ta’ kommozzjoni ma kienx eskluz, il-kummenti maghmula fl-ittra ma kellhomx jircevu l-interpretazzjoni akkordata mill-appellanti;

Fermi l-premessi maghmula, kif johorgu mill-inkartament tal-kawza u mill-motivazzjoni tas-sentenza, jokkorri li jigi l-ewwelnett premess ukoll illi ghal dik li hi l-valutazzjoni li jrid jaghmel gudikant tal-kitba stampata rigward ghandu jittiehed mhux biss ghal kliem izolat jew ghal xi espressjonijiet singoli izda ghall-kontenut shih ta’ dik il-kitba. Hu difatti pacifiku illi “wiehed ghandu jqis l-artikolu kollu kemm hu fil-kumpless tieghu, u ma jaghtix piz zejjed ghal xi kelma vivaci ‘l hawn u ‘l hemm, li tista’ tigi mitigata fil-kuntest imma ghandu jithares l-effett generali fuq il-qarrej. Certa latitudni ghandha tigi moghtija s’intendi taht limiti ragonevoli lill-gurnalisti partikolarment f’kaz ta’ materji politici” (“**Il-Pulizija -vs- John Scerri**”, Appell Kriminali, 16 ta’ Dicembru, 1946);

Agguntivament ma’ dan l-aspett taghmel sens ir-riflessjoni maghmula mill-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha tas-27 ta’ April, 2001 in re: “**Joseph Mifsud -vs- Daphne Caruana Galizia**”, fejn fiha gie senjalat illi “ma kienx necessarju bhala regola illi l-fatti kollha indikati mill-artikolista bhala l-bazi ghall-kummenti tieghu, kellhom ikunu <u>ezattament</u> veritjieri”. Fiha tkompla jinghad illi “kien ukoll permess fl-artikolu, kritiku tal-kontroparti, li jkun hemm xi elementi ta’ fatt li ma jkunux jirrizultaw provati sakemm dawn ma kienux determinanti ghall-fini ta’ l-

artikolu. Dan ifisser li l-Qorti kellha thares biex tistabilixxi illi s-sustanza tal-fatti li ma tkunx provata jew ma tkunx adegwatament stabbilita, ma jwassalx ghall-konkluzjoni illi l-artikolu jkun malafamanti u ingurjuz tal-fama ta' haddiehor. Dan naturalment sakemm il-fatt li jirrizulta li ma jkunx provat, jew ma jkunx veritjier, ma jkunx fih innifsu addebitu malafamanti, bhal per ezempju, jekk il-fatt ikun jaddebita lil persuna malafamata l-kommissjoni ta' reat";

Fil-kaz prezenti fuq il-fehma tal-Qorti, konsiderata fl-essenza u s-sustanza tal-kontenut shih taghha, l-ittra, anke b'dak il-fatt impreciz, kienet maggorment diretta, lejn il-mod ta' kontroll u ta' sigurta`, jew tan-nuqqas taghha, fil-Counting Centre. Anke hawn il-gudikant irid izomm in mira l-okkazjoni li gabet ir-rejazzjoni tal-kumment u dik tal-qaghda storika-politika komplessiva, vicina ghal Elezzjoni Generali. Preponderantement, u apparti kummenti ohra ta' natura politika, taqbel jew ma taqbelx maghhom, izda li f'kull kaz kien in omagg ta' l-espressjoni libera intitolat jaghmilhom, l-awtur ta' l-ittra kkoncentra ruhu b'mod enfatiku biex jikkummenta u jikkritika l-agir tas-sorveljanti fic-Centru tal-Ghadd tal-Voti. Huwa veru illi fl-istess kuntest tal-kaz konkret gie allaccjat l-attur imma daqstant iehor huwa veru wkoll illi l-kitba mkien ma ssemmi li l-attur kien akkompanjat minn "*bullies*" jew li l-presenza tieghu f'dak il-mument kienet ta' theddida ghad-demokrazija. L-ebda addebitu ta' din ix-xorta ma saru u li b'xi mod jistghu, anke ghall-qarrej ordinarju, jivvertu f'ipotesi ta' lezjoni ghar-reputazzjoni;

Hu wkoll veru li bhal kull dritt iehor il-kumment jew il-kritika jridu jinzammu f'certi limiti oggettivi ffissati mil-logika koncettwali. B'danakollu, certu spazju jrid ukoll jithalla ghall-interpretazzjoni soggettiva tal-kwadru shih tal-fatti, ukoll fejn certu element ta' fatt ikun jorigina minn percezzjoni mhux ghal kollox preciza. L-importanti hu li dik l-interpretazzjoni kkummentata ma tkunx ukoll kkargata minn tifsiriet jew insinwazzjonijiet offensivi jew malafamanti appozitament diretti lil, jew kkollegati, mal-

persuna kkritikata. Fil-kaz specifiku u fil-kumpless dan ma jidherx li hu hawnhekk il-kaz ghax l-awtur ta’ l-ittra jidher li zamm ruhu f’dik il-kontinenza li jipprovdi gudizzju u evalwazzjoni personali, anke jekk minn lenti politicizzata, lill-fatti ppercepiti minnu. Mhux il-kaz, allura, li, kif mitlub, is-sentenza tigi revokata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------